***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u ħamsa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. P. Mifsud Bonnici u s-Sur C.Valletta fejn talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li dawn jiġu skużati.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u erbgħa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

Fis-5.45pm ġiet temporanjament sospiża l-laqgħa sabiex issir diskussjoni dwar il-Festival taċ-Ċikkulata mal-kordinatur tal-attivita.

Fis-6.20pm tkompliet il-laqgħa.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Proġett tas-Suq*

- It-tender għall-*finishings* tal-parkeġġ ser tiġi ppublikata din il-ġimgħa u l-offerti jintlaqgħu sat-Tnejn 20 ta' Diċembru 2010.

- Ġie deċiż li jitħejjew t-*Tenders* għax-xiri tal-*Airconditioners* u *Lift* għall-Uffiċċju Amministrattiv.

- Is-Sindku spjega li r-rapport mingħand is-Sur Brincat dwar tmexxija tal-parkeġġ għandu jkun lest fil-ġimgħat li ġejjin.

- Ix-xogħol tal-*finishings* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jinsab fil-proċess u b'hekk ser isir l-ewwel pagament ta' €30,204.89.

*4.2 Latrina Pubblika fi Triq il-Ferrovija*

Il-Kunsill iddeċieda li l-latrina fi Triq il-Ferrovija tibqa' magħluqa sal-aħħar ta' Novembru 2010. Sadanittant il-kuntrattur għandha tintbagħtlu ittra fejn jintalab isewwi l-ħsarat qabel terġa tinfetaħ il-latrina. Ġie deċiż li dan il-kuntratt jitpoġġa fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss.

*4.3 Resurfucing tat-toroq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma bgħatu stima tax-xogħolijiet meħtieġa li jsiru fi Triq Duka ta' Edinburgh u fi Sqaq San Pawl. Jonqos issa li jibagħtulna stima tax-xogħolijiet meħtieġa li jsiru fi Triq Eldorado sabiex inkunu nistgħu noħorġu l-offerti għar-*resurfacing*.

*4.4 Festival taċ-Ċikkulata*

Wara diskussjoni li saret mal-kordinatur tal-Festival taċ-Ċikkulata il-Kunsill iddeċieda li l-Festival jibqa' jsir fit-toroq fejn saret għal dawn l-aħħar sentejn iżda għandhom jintużaw it-toroq kollha tal-viċinanzi sabiex ikun hemm aktar ċirkolazzjoni tal-pubbliku kif ukoll għandu jkun hemm aktar kordinazzjoni mal-Kunsilliera.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-26 ta' Ottubru u s-16 ta' Novembru 2010.

*5.1 GreenPak Coop Society Ltd – Collaboration Agreements*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Collaboration Agreements* dwar is-servizzi provduti mill-GreenPak ser jiskadu f'Diċembru 2010. Ġie deċiż li t-tiġdid tal-*Collaboration Agreements* titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

5.2 *Kumitat Olimpiku Malti – MOC Sports Award*

Il-Kunsill mhux ser japplika għall-MOC Sports Awards ta' din is-sena.

5.3 *Transport Malta – Reserved Parking Bay fi Triq Tommaso Caruana Demajo*

Il-Kunsill ġie infurmat li TM m'approvatx it-talba tal-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu biex isiru żewġ *reserved parking bays* fi Triq Tommaso Caruana Demajo. Ġie deċiż li kopja tar-risposta tintbgħat lill-Kappillan.

*5.4 Transport Malta – Shifting tal-Un/loading bay fi Triq il-Kappillan Mifsud*

Il-Kunsill ġie nfurmat li TM approvat li ssir is-*shifting* ta' *un/loading bay* minn Triq Joe Sciberras għal Triq Kappillan Mifsud quddiem il-ħanut WJA Distributors.

*5.5 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Kumitat dwar l-organizzazjoni ta' attivitajiet sportivi*

L-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali qed tilqa' applikazzjonijiet mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex jiġu magħżula massimu ta' tlett persuni għal *ad hoc Committee* biex ifassal rapport dwar l-organizzazjoni ta' attivitajiet sportivi mill-istess Assoċċjazzjoni.

*5.6 Uffiċċju tal-President – Żjara Presidenzjali fil-Ħamrun*

L-Uffiċċju tal-President ikkonferma d-dati tal-Erbgħa 25 u l-Ħadd 29 ta' Mejju 2011 għaż-żjara Presidenzjali fil-Ħamrun.

*5.7 Luca Corporation – Ftuħ ta' ħanut fi Triq Joe Sciberras*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-OHSA li f'każ li ċilindri jkunu aktar minn 150kgs trid issir applikazzjoni mill-Malta Resources Authority. Sadanittant għandu jiġi assigurat li ma jiġix ostaklat il-passaġġ tal-bankina. Il-Kunsill iddeċieda li ma jsibx oġġezzjoni li jitpoġġew ċilindri tal-gas fuq il-bankina bil-kundizzjoni li tiġi estiża l-bankina kif propost fl-ittra għas-spejjeż ta' Luca Corporation biex ma jiġix ostakolat il-passaġġ tal-bankina u li jinkisbu l-permessi l-oħra meħtieġa mill-Awtoritajiet oħra kompetenti.

*5.8 Sur Rene' Borg – Sinjali sofor fi Triq Joe Abela Scolaro*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Borg biex isiru sinjali sofor quddiem il-garaxx li għandu fi Triq Joseph Abela Scolaro biex ma jipparkjawx vetturi. Ġie deċiz li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.9 Kappillan Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni - Kontravenzjoni*

Il-Kappillan Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni ingħata kontravenzjoni għaliex ma kellux permess tal-parkeġġ għalkemm huwa residenti l-Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Kappillan biex jikteb lill-Bord tal-Petizzjonijiet.

*5.10 Comm Dr.George Buttiġieġ – Residenza għall-Anzjani*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija St.Gabriel Residential Homes Ltd ser tibni residenza għall-anzjani fi Triq Qrejten, Ħamrun. Huma spjegaw li kienu lesti li jidħlu fi ftehim mal-Kunsill għall-amministrazzjoni tas-sular t'isfel tar-residenza li ser tinkorpora *multi-pupose hall, computer room*, kappella u ċentru tar-rijabilitazzjoni. Huma qalu li l-Kunsill mhux ser jidħol fl-ebda spejjeż f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li jinforma li l-kumpanija li huwa lesta li jsir xi ftehim magħhom malli jinħarġu l-permessi meħtieġa mill-MEPA. Ġie deċiż ukoll li qabel jiġi ffirmat xi ftehim għandu jintalab il-parir ta' l-avukat tal-Kunsill.

*5.11 Transport Malta – Single Yellow Line fi Triq Sant'Antnin*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta ma sabx oġġezzjoni li *ssir single yellow line* faċċata ta' garaxx numru 7 bl-isem ta' 'Kennedy', fi Triq Sant'Antnin, Ħamrun tul tal-garaxx.

*5.12 Sur Carmelo Camilleri – Talba għal-ħadida fi Triq San Vinċenz*

Is-Sur Camilleri talab lill-Kunsill biex titwaħħal ħadida quddiem ir-residenza tiegħu għaliex il-qasrija li poġġa kien ġie ordnat ineħħiha mill-Pulizija għaliex kienet kontra l-liġi. Huwa talab li ssir ħadida biex vetturi ma jipparkjawx fuq il-bankina. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.13 Sur Anthony Mifsud – Un/loading bay*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-propjetarju tal-ħanut 'Foam & Leather' fejn talab biex issir *un/loading bay* fil-viċinanzi tal-ħanut tagħhom. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.14 Hydroelectric Ltd – Tibdil fil-ħinijiet tal-Un/loading bay*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur tal-kumpanija Hydroelectric Ltd fejn talab li l-ħinijiet fuq it-tabella eżistenti tal-*un/loading bay* jinbidlu sabiex l-*un/loading bay* tkun riservata għal dan l-iskop bejn is-7.30am u l-5.30pm. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.15 Sinjura T.Cauchi Gera – Laqgħat informattivi għall-Pubbliku*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Lister Pharmacy fejn spjegaw li kienu nteressati jipprovdu kelliema għal-laqgħat informattivi għal-pubbliku li jiġu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sinjura Cauchi Gera li kien interessat li jaħdem flimkien magħhom f'dawn il-laqgħat. Ġie deċiż li s-Sur M. Caruana jagħmel l-arranġamenti meħtieġa magħhom.

*5.16 Kummissarju għall-Ġustizzja – Komunikat*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' Komunikat li t-Tribunal Lokali Qormi bgħat lill-*LES Management Committee* sabiex tintervjeni ħalli l-*parking bays* fl-iskema ta' parkeġġ bil-ħin jinżebħu kulur differenti minn dawk normali.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem lill-Madre ta' l-Istitut ta' Fra Diegu dwar il-possibilta' li l-Istitut jinfetaħ bħala *Night Shelter.* Il-Madre spjegat li kienet ser tressaq dan is-suġġeriment lis-Superjuri tagħha. Sadanittant il-Madre talbet sabiex issir *Traffic Mirror* faċċata tal-grada fi Triq Villambrosa. Hija ntalbet tibgħat ittra f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddeċieda li meta tasal l-ittra din għandha tintbgħat lill-Transport Malta għal-konsiderazzjoni.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' uffiċċjal tal-MMDNA fejn iddiskuta l-possibilta' li l-Kunsill jibda jipprovdi servizz tal-għoti tal-insulina. Dan is-servizz jitħallas mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

- Il-Kunsill approva li jinxtara *laptop* għall-użu tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex xogħol mibdi l-uffiċċju jkun jista jitkompla faċilment wara l-ħin tal-uffiċċju.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat kien qed jissuġġerixxi biex jorganizza kors ta' *Self Defence* għan-nisa mit-22 ta' Jannar 2011. Il-kors ikun jikkonsisti f'10 lezzjonijiet ta' sagħtejn. Il-ħlas ser ikun ta' €2.00 kull lezzjoni li ser jitħallas mill-parteċipanti. Il-Kunsill approva li jsir il-kors.

- Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill jikkonsidra jagħmel *Website* speċifiku għaċ-*Chocolate Festival*. Ġie deċiż li tinġabar stima f'dan ir-rigward għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

*6.3 Sotto Kumitat 2*

Is-Sur Arthur Ellul nforma lill-Kunsill li ġiet ippublikata l-offerta għal-korsijiet iffinanzjati mill-*European Social Fund*. L-offerti jintlaqgħu sal-14 ta' Diċembru 2010.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

Is-Sur M.Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett qed jiġi finalizzat sabiex jiġu ppublikat fil-bidu ta' Diċembru 2010.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C.Borg ssuġġerit li għall-attivitajiet ta' Jum il-Ħamrun tas-sena d-dieħla ssir xi attivita' fl-inħawi tal-Knisja tas-Samra.

- Is-Sinjura C.Borg spjegat li s-Sotto Kumitat kien qed jissuġġerixxi li għall-jiem tal-Milied issir attivita' għall-anzjani u għat-tfal. Il-Kunsill ma sabx oġezzjoni. Ġie deċiż li ssir talba lill-Kappillan tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni biex tintuża s-sala tal-Knisja. Għall-attivita' jrid jinkera apparat għas-*sound* kif ukoll *entertainment* għat-tfal.

- Is-Sinjura C.Borg spjegat li s-Sotto Kumitat kien qed jaħseb sabiex din is-sena wkoll issir il-Wirja tal-Presepji flimkien mal-Hobbies Society kif ukoll il-*Christmas Cake Competition.*

## 7. Attivitajiet – Milied 2010

*7.1 Attivitajiet Ħamrun Spartans F.C.*

Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mill-Ħamrun Spartans FC. Dwar il-palk il-Kunsill kien diġa' iddeċieda li ma jsibx oġezzjoni bil-kundizzjoni li jiksbu '*No Objection'* mir-residenti u sidien tal-ħwienet tal-viċinanzi. Ġie deċiż li l-ġimgħa d-dieħla ssir laqgħa bejn il-Ħamrun Spartans FC u l-kumitat tal-ħwienet sabiex isiru l-arranġamenti finali. Sadanittant ġie deċiż li jsiru arranġamenti ma' Phylicianne Brincat sabiex isir *Carol Singing* fil-Ħamrun waqt ix-xahar ta' Diċembru.

*7.2 Riċeviment / Ikla tal-Milied*

Is-Sindku rrefera għall-Memo 122/2010 maħruġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Ikliet/ Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali fejn ingħatat direttiva lill-Kunsilli Lokali biex fi żmien il-Milied Kunsill jista' jorganizza riċeviment / ikla waħda biss fejn ikunu mistiedna s-Sindku, l-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv, l-istaff u l-ħaddiema tal-Kunsill biss. Il-Kunsill jista' jonfoq sa ammont ta' €50 kull persuna f'każ ta' ikla. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li din is-sena ssir ikla.

Fis-7.35pm s-Sindku ġie skużat mill-laqgħa.

## 8. Quarterly Financial Report – Lulju sa Settembru 2010

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu Lulju sa Settembru 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju.

Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għal-perjodu Lulju sa Settembru 2010

## 9. Fixed Assets Register

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex sa l-aħħar ta' Diċembru 2010 jaġġornaw il-*Fixed Assets Register*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu flimkien mal-*Accountant* tal-Kunsill għamlu eżerċizzju fejn ġie aġġornat il-*Fixed Assets Register* u ġiet ippreparata l-iskeda ta' aġġustamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-iskeda u l-aġġustamenti meħtieġa li jsiru għall-aġġornament tal-*Fixed Assets Register*.

Il-Kunsill approva unanimament li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa kif indikat fl-iskeda mehmuża ma' dawn il-minuti.

## 10. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-16 ta' Novembru 2010, (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsilliera approvaw unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 11. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA